**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 9 ta' Frar, 2017

Rikors Nru : 308/16 AL

**A B**
**vs**
**C D Y B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta :

Illi huwa zzewweg lill-intimata fl-1 ta' Marzu 1990. Illi huwa ssepara legalment minn mal-intimata permezz ta' att bonarju datat 21 ta' Novembru 2002 fl-atti tan-Nutar Joseph Debono;

Illi miz-zwieg il-partijiet konjugi B kellhom zewg ulied li ghandhom tnejn u ghoxrin sena u sbatax-il sena rispettivament;

Illi l-partijiet ma ghandhom ebda pendenza ta' manteniment bejniethom;

Illi l-partijiet ma hemmx lok li jergghu jirrikonciljaw;

Talab in vista tas-suespost li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

(1) Tippronunzja d-divorzju jew il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet a tenur tal-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
(2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn l-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex l-istess jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Bl-ispejjez;

Rat ir-risposta tal-intimata, li permezz taghha eccepiet :

1. Illi fl-ewwel lok u bl-iktar umilta' titlob lil dina l-Onorabbli Qorti li tali risposta tigi accettata minkejja li giet intavolata fuori termine. Illi giet intavolata fuori termini ghaliex ezatt kif ircevita hija kellha titlaq barra minn Malta u tmur lura l-Ingilterra ta' malajr ghax missierha gie dijanjozigat b'kancer. Illi hija rcevit ir-rikors fis-26 ta' Lulju u dak in-nhar stess irceviet l-ahbar hazina li misserha gie djajonizgat b'kancer. Illi hija siefret lejn l-Ingilterra l-ghada (**Dok A**) u ghamlet kwazi xhar l-Ingilterra. Illi waqt li kienet l-Ingilterra missierha miet u baqghet ghal funeral ukoll.

2. Illi kif waslet lura Malta hija marret ghand il-konsulenta legali sottoskritta u nfurmata bl-atti u talbita biex jigu tradotti u dana ghaliex l-eccipjenti hija ta' nazzjonalita' Ingliza u ghalhekk ma tifhimx bil-lingwa Maltija. Illi kienet ghal raguni illi hija ezatt kif irceviet l-att irceviet l-ahbar hazina ta' missierha u kellha ssiefer illi intavolat ir-risposta fuori termine u ghalhekk qieghed jigi mitlub bl-ikbar umilta' illi tali risposta tigi accettatata u fin-nuqqas illi tali risposta ma tigix accetata dina l-Onorabbli Qorti tiehu konjizzjoni ta' l-unika talba li ghandha ossia li tirriverti ghal kunjom xbubitha.

3. Illi l-attur ghamel referenza ghall-att ta' separazzjoni li gie ffirmat fil-21 ta' Novembru 2002 fejn ma kien hemm dovut l-ebda manteniment ghal uliedha u dana ghaliex huwa ma kienx qed jahdem. Huwa fil-fatt qatt ma hallas xi tip ta' manteniment. Illi kull spiza rigward it-trobbija ta' uliedha kienu a karigu esklussiv taghha biss.

4. Illi hemm qbil illi ma hemm l-ebda lok ghal rikonciljazzjoni.

5. Illi hija ghalhekkk m'ghandha l-ebda oggezzjoni ghal pronunzjar tad-divorzju bejniethom izda l-ispejjez ta' dawna l-proceduri ghandhom ikunu a karigu tieghu.

6. Illi hija tixtieq illi tirriverti ghal kunjom xbubitha 'N' u ghalhekk issir C D Y N u ma tibqax bil-kunjom 'B'.

Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-19 ta' Lulju 2016;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-21 ta' Novembru 2002;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Il-Qorti rat it-talba tal-intimata sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' 'N', tilqa' t-talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jiehu l-azzjoni mehtiega f'dan ir-rigward;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.